REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1328

tal-10 ta' Awwissu 2021

li jispeċifika r-rekwiżiti tal-infrastruttura applikabbli għal ċerti kategoriji ta' azzjonijiet ta' infrastruttura b'użu doppju skont ir-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014 ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 12(2) tiegħu,

Billi:

(1) Wieħed mill-objettivi speċifiċi tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa huwa li jiġu adattati partijiet tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport għall-użu doppju tal-infrastruttura tat-trasport bil-ħsieb li tittejjeb kemm il-mobbiltà ċivili kif ukoll dik militari. Azzjonijiet jew attivitajiet speċifiċi f'azzjoni, li jappoġġaw partijiet ġodda jew eżistenti tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport xierqa għat-trasport militari, sabiex dan jiġi adattat għar-rekwiżiti tal-infrastruttura tat-trasport b'użu doppju, huma eliġibbli li jirċievu assistenza finanzjarja mill-Unjoni skont ir-Regolament (UE) 2021/1153 b'ċerti kondizzjonijiet.

(2) Jenħtieġ li r-rekwiżiti tal-infrastruttura tat-trasport applikabbli għal ċerti kategoriji ta' azzjonijiet tal-infrastruttura b'użu doppju jiġu speċifikati. Ir-rekwiżiti tal-infrastruttura tat-trasport b'użu doppju jenħtieġ li jkunu bbażati fuq l-informazzjoni li tinsab fir-rekwiżiti militari aġġornati ([2]) u fl-analiżi tal-lakuni ([3]), u jenħtieġ li jitqiesu r-riżultati tal-konsultazzjonijiet mar-rappreżentanti tal-assoċjazzjonijiet tat-trasport Ewropej u dawk internazzjonali.

(3) Ir-rekwiżiti ta' użu doppju għandhom jirrappreżentaw valuri u standards tekniċi ġeneriċi għal proġetti ta' infrastruttura tat-trasport, li fir-rigward tal-azzjonijiet skont ir-Regolament (UE) 2021/1153, għandhom jitqiesu li jikkontribwixxu għall-adattament tan-netwerks ewlenin jew komprensivi tat-TEN-T bil-għan li jippermettu użu doppju tal-infrastruttura b'difiża ċivili.

(4) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Koordinament tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1153,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-rekwiżiti tal-infrastruttura tat-trasport previsti fl-Artikolu 12(2) tar-Regolament (UE) 2021/1153 għandhom ikunu kif stabbilit fl-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 249, 14.7.2021, p. 38.

([2]) Rekwiżiti Militari għall-Mobbiltà Militari fl-UE u lil hinn minnha (ST 11373/19; 19.7.2019)

([3]) "Rekwiżiti militari u netwerk trans-Ewropew tat-trasport: analiżi tad-diskrepanzi (SWD (2019) 175 final)" kif ukoll "l-analiżi aġġornata tad-diskrepanzi bejn ir-rekwiżiti militari u r-rekwiżiti tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport" (SWD (2020) 144 final)

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Awwissu 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Tabella 1

Ajruporti u ġestjoni tat-traffiku tal-ajru

Nru	Rekwiżit ta' użu doppju	Valur ta' użu doppju	Rimarka
1	Perjodi Operattivi	Il-kostruzzjoni jew l-espansjoni tal-infrastruttura u l-konnessjonijiet mat-trasport u t-tagħmir multimodali li jippermettu l-kapaċità għal operazzjonijiet 24 siegħa kuljum/operazzjonijiet ta' Matul il-Jum/Matul il-Lejl/F'Kull Tip ta' Temp.	Jinkludu konnessjonijiet ferrovjarji u tal-pipeline għall-fjuwil (bil-kundizzjoni li jiġi kkonsenjat il-fjuwil kemm għall-inġenji tal-ajru militari kif ukoll dawk ċivili).
2	Operazzjonijiet ta' Servizz tal-Bażi 24 siegħa kuljum	Kapaċità għal operazzjonijiet ta' Matul il-Jum/Matul il-Lejl/F'Kull Tip ta' Temp.	
3	Kontroll tat-Traffiku tal-Ajru	Infrastruttura ta' Kontroll tat-Traffiku tal-Ajru b'biżżejjed kapaċità biex tiġġestixxi l-operazzjonijiet ta' matul il-jum u ta' matul il-lejl fil-mitjar.	Għandha tinftiehem skont ir-Regolamenti tal-ICAO u tal-UE kif ukoll il-Linji Gwida tal-EUROCONTROL CUMA.
4	Assi tal-Ajru kuljum	Kapaċità tal-infrastruttura tal-ġestjoni: Inġenji tal-ajru kuljum: Minimu ta' 6 kuljum. Suppożizzjoni għal Inġenji tal-Ajru Wide-Body: massimu ta' 4 parkeġġi paralleli fuq l-art fuq ir-rampa tal-ajrudrom.	
5	Tul tar-Runway	Rekwiżit Minimu: 3 000 m. Rakkomandat: 3 500 m. Għandu jiġi ddeterminat f'kull Stat Membru fejn tul tar-runway ta' 2 800 m jista' jkun biżżejjed	Xieraq għat-Trasport Strateġiku tal-Kategorija tal-Inġenji tal-Ajru kif ukoll għall-inġenji tal-ajru A330/A400M/IL76/B747/An225/C5/C17.
6	Wisa' tar-Runway	45 m sa 60 m. Għandu jiġi dderminat f'kull Stati Membri fejn huwa meħtieġ wisa' ta' 60 m.	Xieraq għat-Trasport Strateġiku tal-Kategorija tal-Inġenji tal-Ajru kif ukoll għall-inġenji tal-ajru A330/A400M/IL76/B747/An225/C5/C17.
7	Superfiċje tar-Runway	Tista' tkun tat-tip riġidu jew flessibbli. Għandu jiġi ddeterminat f'kull Stat Membru fejn il-150 m fit-tmiem tar-runway jenħtieġ li jkunu riġidi biex jiġu miġġielda l-effetti tal-effluss tal-magna tal-ġett.	
8	Taxiway	Wisa': 22,5 m, tista' jkun tat-tip riġidu jew flessibbli.	
9	Saħħa tal-Paviment tar-Runway	Biżżejjed għall-Inġenji tal-Ajru Wide-Body	Dan ir-rekwiżit jista' jingħata f'konformità mar-regolamenti tal-ICAO u tal-UE.
10	Rampa tal-ajruport – Tul	Minimu ta' 190 m.	
11	Wisa' tar-Rampa tal-Ajruport	Minimu ta' 350 m.	

12	Kapaċità tar-Rampa tal-Ajruport	66 500 m^2.	
13	Paviment tar-Rampa tal-Ajruport Klassifikazzjoni Numru (PCN) ([1])	Huwa xprunat min-Numru tal-Klassifikazzjoni tal-Inġenju tal-Ajru (ACN) ([2]) derivat mit-tip ta' subgrad.	L-ACR hija gradazzjoni ta' unità unika li tesprimi l-effett relatat ta' inġenju tal-ajru fuq basement għal saħħa ta' subgrad speċifika li tindika ħxuna partikolari tal-basement (imkejla bil-PCR tiegħu). Dan ir-rekwiżit jista' jingħata f'konformità mar-Regolamenti tal-ICAO u tal-UE. Ir-relazzjoni bejn l-ACR/il-PCR hija metodoloġija aġġornata tan-Numru tal-Klassifikazzjoni tal-Inġenju tal-Ajru (ACN) u tal-metodoloġija tan-Numru tal-Klassifikazzjoni tal-Paviment (PCN). Minn Novembru 2024, il-metodoloġija għall-valutazzjoni u r-rapportar tal-kapaċità ta' tagħbija tal-paviment tal-mitjar se tiġi espressa bħala relazzjoni bejn il-Gradazzjoni tal-Klassifikazzjoni tal-Inġenju tal-Ajru u l-Gradazzjoni tal-Klassifikazzjoni tal-Paviment (ACR/PCR), minflok ir-relazzjoni bejn in-Numru tal-Klassifikazzjoni tal-Inġenju tal-Ajru u n-Numru tal-Klassifikazzjoni tal-Paviment (ACN/PCN). Il-metodu ġie approvat mill-Bord tad-Disinn u tal-Operazzjonijiet tal-Ajruport (ADOP) tal-ICAO u minn Lulju 2020 huwa s-Sistema l-ġdida ta' Gradazzjoni tal-Paviment tal-ICAO. L-adattamenti tad-dokumentazzjoni nazzjonali u tal-ispeċifiċitajiet tad-disinn se jsiru matul perjodu ta' tranżizzjoni bejn l-2020 u l-2024.
14	Tagħmir tal-Borra u tas-Silġ fuq ir-Runway u Prodotti għat-Tneħħija tas-Silġ	Żona magħluqa għall-ħżin ta' 180 m^2.	
15	Salvataġġ min-Nirien f'każ ta' Ħabta (Kategorija)	Faċilità magħmula minn Qafas tal-Azzar jew binja tal-ġebel b'post għall-ħżin (minimu ta' 200 m^2 bi spazju intern tas-segment ta' 98 m^2) biex jinħażnu kemm vetturi għas-salvataġġ f'każ ta' ħbit kif ukoll vetturi għas-salvataġġ f'każ ta' nirien.	

([1]) Il-Gradazzjoni tal-Klassifikazzjoni tal-Paviment (PCR) issostitwiet il-metodoloġija tan-Numru tal-Klassifikazzjoni tal-Paviment (PCN). Il-PCN jibqa' validu matul il-fażi ta' tranżizzjoni sal-2024.

([2]) Il-Gradazzjoni tal-Klassifikazzjoni tal-Inġenju tal-Ajru (ACR) issostitwiet il-metodoloġija tan-Numru tal-Klassifikazzjoni tal-Inġenji tal-Ajru (ACN). L-ACN jibqa' validu matul il-fażi ta' tranżizzjoni sal-2024.

Tabella 2

Portijiet tal-baħar

Nru	Rekwiżit ta' użu doppju	Valur ta' użu doppju	Rimarka
1	Perjodu operattiv tal-port tal-baħar	Il-kostruzzjoni jew l-espansjoni tal-infrastruttura għall-aċċess għan-network tat-trasport multimodali, u t-tagħmir li jippermetti l-operazzjonijiet 24 siegħa kuljum fil-kundizzjonijiet kollha tat-temp.	Tinkludi kapaċità ta' tkissir tas-silġ u tagħmir għat-tneħħija tal-borra f'port. Il-bini, il-faċilitajiet tal-ħżin u tal-maħżen, il-krejnijiet, it-trasportaturi, u apparati oħrajn għaċ-ċaqliq tal-merkanzija, u assi mobbli bħal-lokomottivi ma għandhomx jiġu inklużi. L-azzjonijiet ma għandhomx jipprovdu vantaġġ selettiv lil operatur partikolari jew lil grupp ta' operaturi partikolari u għandhom ikunu aċċessibbli fuq bażi mhux diskriminatorja.
2	Għadd ta' Rmiġġi	3.	L-irmiġġi għandhom ikunu fi ħdan port kif definit fid-*data* ġeografika tar-rekwiżiti militari. L-irmiġġi mhux bilfors għandhom ikunu jinsabu ħdejn xulxin.
3	Wisa'	32 m.	Daħla għall-port tal-baħar.
4	Pixka ta' aċċettazzjoni tal-bastimenti	Minimu ta' 12 m f'livell baxx ta' ilma.	Daħla għall-port tal-baħar.
5	Fond tal-port	Minimu ta' 12-il m, rakkomandat 14-il m biex jippermetti minimu ta' 2 m fi spazju liberu tal-pixka. Għandu jiġi ddeterminat f'kull Stat Membru fejn fond tal-port ta' 12-il m jista' jkun biżżejjed. Spazju liberu tal-pixka ta' 1 m jista' jkun biżżejjed f'portijiet mingħajr effett ta' marea.	Daħla għall-port tal-baħar.
6	Tul tal-irmiġġ	Minimu ta' 310 m u sa 340 m għal kull bastiment.	
7	Wisa' tal-irmiġġ fil-port	Minimu ta' 32 m	Għall-kategorija ta' vapuri kbar/medji rmiġġati.
8	Tip ta' rmiġġ fil-port	Jenħtieġ li jakkomoda t-tipi ta' vapuri li ġejjin: Barkun, bastimenti tal-merkanzija li titgħabba individwalment, bastimenti tal-kontejners, bastimenti tal-passiġġieri, bastimenti RoRo, tankers.	
9	Pixka tal-irmiġġ	Minimu ta' 12 -ilm, rakkomandat 14-il m. Għandu jiġi ddeterminat f'kull Stat Membru fejn fond ta' 12-il m ta' rmiġġ ikun biżżejjed.	Meħtieġa għall-kategorija ta' vapuri kbar u RoRo kbar ħafna.
10	Kapaċitajiet ta' ħatt	2 vapuri simultanjament.	
11	Għadd ta' rail spurs/heads	3.	Għadd ta' railheads meħtieġa.

Tabella 3

Ferroviji

Nru	Rekwiżit ta' użu doppju	Valur ta' użu doppju	Rimarka
1	Perjodu operattiv tas-servizz tar-railhead	Il-kostruzzjoni jew l-espansjoni tal-infrastruttura għall-aċċess għan-network tat-trasport multimodali, u t-tagħmir li jippermetti l-operazzjonijiet 24 siegħa kuljum fil-kundizzjonijiet kollha tat-temp.	
2	Assi tal-passiġġieri ferrovjarji	Infrastruttura li kapaċi tiġġestixxi l-vaguni tal-passiġġieri tal-ferrovija (kapaċi jittrasportaw lill-passiġġieri), inkluż dawk b'żewġ sulari, għal tagħbija minima ta' 80 passiġġier fuq kull wieħed; għadd minimu ta' coaches kuljum: 6 biċċiet.	
3	Stazzjonijiet ferrovjarji	Infrastruttura ta' pjattaforma li kapaċi tiġġestixxi 3-4 ferroviji (10 x coaches b'żewġ sulari jew l-ekwivalenti) għal kull stazzjon kuljum (5k passiġġier kuljum għal kull stazzjon).	
4	Operazzjonijiet tar-railheads	Infrastruttura li kapaċi tiġġestixxi mill-anqas 3 ferroviji tal-merkanzija simultanjament f'postijiet tat-terminal.	It-tagħmir li jivvjaġġa bil-ferrovija se jkun soġġett għal ippjanar bir-reqqa tat-tagħbija u tal-vjaġġ biex tiġi żgurata l-konformità mal-gauge ferrovjarju, l-infrastruttura, ir-rotot u l-mini disponibbli tal-SM.
5	Disponibbiltà tas-sistema ta' elettrifikazzjoni	Permanenti b'sistema ta' riżerva irrispettivament mis-sors tal-enerġija.	Tikkonċerna sistemi ta' riżerva għal stazzjonijiet jew għal faċilitajiet ta' ġestjoni multimodali.
6	Bipolarizzazzjoni	Iva għall-aċċess.	Tappartjeni għas-sistemi tas-sikurezza u għaċ-ċirkwiti tal-binarji biex jiġu rilevati ferroviji fuq il-binarji, u biex jiġi rilevat jekk ir-railhead tippermettix li binarju wieħed jew aktar fuq linja tal-ferroviji b'aktar minn binarju wieħed jiġi operat fiż-żewġ direzzjonijiet, kemm jekk għal użu regolari kif ukoll għal użu ta' emerġenza.
7	Disponibbiltà tat-tidwil	Kapaċità tat-tidwil 24 siegħa kuljum fl-istazzjonijiet u fit-terminals.	
8	Gauge tal-binarji	1 435 mm. Ideali għal network ferrovjarju kontinwu standard pan-Ewropew u mixtieq ħafna għall-mobilità militari. F'każijiet fejn hemm benefiċċju ċar kemm għas-settur ċivili kif ukoll għal dak militari, jistgħu jiġu aċċettati gauges ferrovjarji ta' 1 520/1 524 mm u 1 668 mm.	
9	Gauge tat-tagħbija	Standard tal-GC rakkomandat. Għandu jiġi ddeterminat f'kull Stat Membru fejn gauge tat-tagħbija differenti li jkopri P-400 u li jkun konformi mat-TSIs ferrovjarji jkun biżżejjed.	Gauge tat-tagħbija tal-kontejners kbar. Il-GC jaqbel mal-istandard UIC P-400.

10	Għoli massimu tal-merkanzija	4,5 m.	Iċ-ċifra tinkludi l-marġni tas-sikurezza.
11	Wisa' massimu tal-merkanzija	3,15 m f'ċirkostanzi normali. Sa 3,75 m f'każijiet eċċezzjonali, fejn ikun hemm benefiċċju ċar għall-persuni ċivili u t-TSIs jiġu rrispettati.	Il-wisa' mixtieq ikun sa 4,5 m għall-moviment militari.
12	Tul massimu tal-merkanzija	18,75 m.	
13	Tagħbija fuq il-fus ferrovjarju f'tunnellati	Minimu ta' 22,5 t/fus fuq it-TEN-T ewlieni; rakkomandat 25 t/fus.	Ir-rekwiżit tat-tagħbija fuq il-fus għan-network ferrovjarju ewlieni tat-TEN-T inkluż il-pontijiet huwa minimu ta' 22,5 t/fus. Ta' min jinnota li, l-aġġornamenti tal-piż tal-fus għall-minimu ta' 25 t/fus jista' jkun ta' benefiċċju għall-movimenti ċivili u militari Bħalissa l-moviment militari jinsab fil-limitu tal-piż gross eżistenti.
14	Tul massimu tal-ferrovija	Minimu ta' 740 m.	Ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) jirrikjedi l-kapaċità li jitħaddmu ferroviji ta' tul ta' mill-anqas 740 m. It-tul ta' ferrovija miexja jvarja (eż. meta tibbrejkja jew taċċelera). Għalhekk, ir-rekwiżit ta' użu doppju huwa kongruenti mar-rekwiżit militari.
15	Siding spurs	Minimu ta' 3, kull wieħed minimu ta' ≥ 300 m.	Jista' jkun fil-viċinanza ta' jew fil-postijiet tat-terminal.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1).

Tabella 4

Toroq

Nru	Rekwiżit ta' użu doppju	Valur ta' użu doppju	Rimarka
1	Klassifikazzjoni tat-toroq	Korsija waħda: 3,5 m – 5,5 m Fluss wieħed 5,5 m – 7,3 m Fluss doppju ≥ 7,3 m.	Fluss wieħed – il-vetturi iżolati jgħaddu jew jivvjaġġaw fid-direzzjoni opposta f'punti/żoni stabbiliti. Fluss doppju – 2 kolonni ta' vetturi jivvjaġġaw fl-istess ħin u mill-anqas wisa' ta' 2 korsiji (idealment mhux idjaq minn 8,2 m). Il-proġetti relatati mal-użu ta' korsiji ta' emerġenza bħala korsiji addizzjonali huma esklużi.
2	Tipi ta' rotot	Tip X – rotta li tintuża f'kull tip ta' temp u miżmuma tajjeb, li tista' tintuża s-sena kollha sal-kapaċità massima.	It-tip X huwa ppreferut għall-moviment militari, b'superfiċji li ma jgħaddix l-ilma minnhom li ġeneralment ma jiġux affettwati mix-xita jew mit-tibdil fit-temperatura.

3	Piżijiet grossi tat-triq	130 t.	130 t ma jirreferix għaċ-ċirkolazzjoni libera ta' vetturi b'piż gross ta' 130 t. Dan ir-rekwiżit ta' użu doppju jirreferi għall-kapaċità tas-superfiċje tat-toroq li jifilħu l-movimenti jew it-trasport tal-assi militari b'piż żejjed fuq bażi okkażjonali. Il-limitazzjoni ċivili ta' 44 t (kif indikat fid-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE [1]) jenħtieġ li għalhekk tippermetti movimenti okkażjonali ta' assi tat-trasport b'piż żejjed sa 130 t b'tagħbija massima fuq il-fus ta' 12,23 t/fus. Tali movimenti okkażjonali (kemm militari kif ukoll ċivili) x'aktarx jeħtieġu permessi jew derogi speċjali u miżuri ta' mitigazzjoni xierqa, li jiġu ddeterminati b'mod eċċezzjonali mill-SM.
4	Piżijiet grossi tal-pontijiet	130 t.	130 t ma jirreferix għaċ-ċirkolazzjoni libera ta' vetturi b'piż gross ta' 130 t. Dan ir-rekwiżit ta' użu doppju jirreferi għall-kapaċità tal-pontijiet li jifilħu l-movimenti jew it-trasport tal-assi militari b'piż żejjed fuq bażi okkażjonali. Tali movimenti okkażjonali (kemm militari kif ukoll ċivili) x'aktarx jeħtieġu permessi jew derogi speċjali u miżuri ta' mitigazzjoni xierqa, li jiġu ddeterminati b'mod eċċezzjonali mill-Istati Membri. Il-pontijiet għandhom ikunu kapaċi jippermettu piż gross ta' 130 t b'tagħbija massima fuq il-fus ta' 12,23 t/fus (id-Direttiva 96/53/KE tippermetti sa 11,5 t/fus bl-eċċezzjoni ta' Franza, fejn it-tagħbija permessa hija ta' 13 t/fus). F'ċirkostanzi fejn vettura waħda tiżen 130 t, ikun meħtieġ li jiġi żgurat li jkunu ġew applikati miżuri ta' mitigazzjoni xierqa bħall-veloċità, id-distanza għal vetturi oħra u, jekk ikun meħtieġ, jiġi impost fluss wieħed tat-traffiku għall-użu tal-pont. Il-pontijiet tat-toroq huma ddisinjati biex jifilħu vetturi mgħobbija kompletament tul it-tul kollu tagħhom f'kull korsija. Għalhekk, jekk pont jiflaħ diversi trakkijiet li jiżnu 44 t simultanjament, jenħtieġ li jkun jista' jiflaħ ukoll piż gross totali okkażjonali ta' 130 t, jekk jiġu żgurati l-miżuri ta' mitigazzjoni xierqa bħall-veloċità, id-distanza bejn il-vetturi u d-distanza bejn il-fusien tal-vetturi.

5	Għoli massimu tal-merkanzija	4,5 m. Ir-restrizzjonijiet fuq il-mini jeħtieġu kunsiderazzjoni fl-ippjanar tar-rotot b'mod partikolari għal vetturi flatbed, trejlers u oġġetti perikoluż. Għandu jiġi ddeterminat f'kull pajjiż jekk u fejn għandu jkun applikabbli 4,5 m.	Dan jinkludi l-kombinazzjoni tal-għoli tal-gverta tal-merkanzija tal-vettura, flimkien mal-għoli tal-merkanzija u marġni ta' spazju liberu tas-sikurezza ta' fuq nett. Id-Direttiva 96/53/KE tippermetti għoli tal-vettura sa 4 m. Mal-għoti ta' permess eċċezzjonali tat-trasport, huwa possibbli għoli ta' 4,5 m (għoli tat-trasport ta' 4,35 m + 0,15 m għas-sospensjoni u għall-movimenti tal-vettura).
6	Wisa' massimu tal-merkanzija	4,5 m.	Kif indikat fid-Direttiva 96/53/KE, il-wisa' massimu ta' vettura awtorizzata huwa ta' 2,55 m. Tipikament, il-vetturi bir-roti jeħtieġu 3,5 m u l-vetturi biċ-ċineg 4,5 m għat-trasport militari. Tali movimenti okkażjonali (kemm militari kif ukoll ċivili) x'aktarx jeħtieġu permessi jew derogi speċjali u miżuri ta' mitigazzjoni xierqa, li jiġu ddeterminati b'mod eċċezzjonali mill-Istati Membri.
7	Tul massimu tal-merkanzija	18,75 m sa 27,5 m	It-tul massimu tal-vettura huwa ta' 18,75 m b'estensjoni sa 25,03 m fejn l-iżvilupp tal-infrastruttura jippermetti dan. Vetturi itwal jistgħu jitħallew jiċċirkolaw mal-għoti ta' permess ta' trasport eċċezzjonali. Merkanzija li tiżen aktar minn 130 t ġeneralment tkun teħtieġ trattur bi 8 tajers x 4-fusien + kombinazzjoni ta' trejlers bi 8 fusien. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, semitrejler tradizzjonali bi 8 fusien huwa biżżejjed għal skopijiet b'użu doppju. Madankollu, meta għal raġunijiet prattiċi (eż. għoli tal-ispazju liberu ta' pont) ikun meħtieġ trejler baxx, dan bilfors ikun semitrejler 3-bed-5, li t-tul tiegħu jkun madwar 22,5 m. Akkoppjat ma' unità ta' trattur bi 8 tajers x 4 fusien, it-tul totali tal-vettura kombinata se jkun ta' madwar 27 m. L-użu ta' trejlers baxxi jġib benefiċċji f'dak li għandu x'jaqsam ma' pontijiet addizzjonali u spazju liberu tal-għoli tal-flyovers, peress li t-tagħbijiet fuq il-fus ta' vettura itwal se jitqassmu fuq żona akbar, u b'hekk jitnaqqsu t-tagħbijiet fuq il-punti fuq il-pontijiet u fuq l-overpasses. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri diġà jaċċettaw vetturi ta' 27,5 m bħala parti mill-permessi eċċezzjonali tat-trasport li joħorġu.
8	Raġġ tal-liwja għat-trasport ta' makkinarju tqil	12,5 m sa 15,5 m. Għandu jiġi ddeterminat f'kull Stat Membru.	Ir-rekwiżit fid-Direttiva 96/53/KE huwa li l-vetturi tat-triq iridu jkunu jistgħu jduru f'raġġ estern ta' 12,5 m.

([1]) Id-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE tal-25 ta' Lulju 1996 li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità id-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali (ĠU L 235, 17.9.1996, p. 59).

Tabella 5

Passaġġi fuq l-ilma interni

Nru	Rekwiżit ta' użu doppju	Valur ta' użu doppju	Rimarka
1	Mgħalaq	F'konformità mal-istandards tal-"Blue Book" tal-UNECE ([1])	
2	Pixka	F'konformità mal-istandards tal-"Blue Book" tal-UNECE ([2])	
3	Irmiġġ	2	Għadd ta' rmiġġi.
4	Kapaċitajiet ta' ħatt	2 barkuni simultanjament	
5	Spazju liberu tal-pont	3,5 m	F'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1315/2013.

([1]) Inventarju tal-istandards u tal-parametri ewlenin tal-"Blue Book" tan-network tal-passaġġi fuq l-ilma E (ECE/TRANS/SC.3/144/Rev.3.), mill-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti. Ir-rekwiżit ta' użu doppju jenħtieġ li jinqara flimkien ma' dan id-dokument.

([2]) Ibid.

Tabella 6

Ġestjoni tat-tagħmir multimodali (tat-toroq, ferrovjarju, marittimu u passaġġi fuq l-ilma interni)

Nru	Rekwiżit ta' użu doppju	Valur ta' użu doppju	Rimarka
1	Konnessjoni tan-nodi	Meħtieġa fil-portijiet tal-baħar/fl-ajruport/ fil-passaġġi fuq l-ilma interni/fir-railway head/fit-toroq ewlenin fejn applikabbli inkluż punti tat-tagħbija ta' gverta trażversali tul mezzi tat-trasport multimodali	
2	Rampi tat-tagħbija u tagħmir tal-ġestjoni/ Kapaċità tal-parkeġġ	Għadd suffiċjenti ta' rampi tat-tagħbija (fissi) li kapaċi jifilħu merkanzija ta' 100 t u vetturi sa 120 t inkluż Tankijiet tal-Gwerra Ewlenin b'tagħbija massima fuq il-fus ta' 12,23 t/fus (triq) u minimu ta' 22,5 t/fus (ferrovija). Tagħmir tal-maniġġar partikolari għal konnessjoni trażversali ta' nodi multimodali (ferroviji, ajru, port tal-baħar (LoLo/RoRo) u passaġġi fuq l-ilma interni). Kapaċità ta' parkeġġ li kapaċi żżomm temporanjament rolling stock u merkanzija ġenerali. Azzjonijiet relatati mal-infrastruttura fissa li tiflaħ għall-moviment ta' assi tat-toroq, ferrovjarji, marittimi u tal-passaġġi fuq l-ilma interni f'faċilitajiet għall-ġestjoni ta' tagħmir multimodali.	Xierqa għall-kontejners tal-merkanzija li jissodisfaw id-definizzjoni tal-istandard ISO 1496-1:2013 tas-Serje 1. Ir-rampi tat-toroq jenħtieġ li jkollhom il-kapaċità li jimmaniġġjaw il-kontejners, it-tagħmir tqil u l-merkanzija ġenerali. Il-bini, il-faċilitajiet tal-ħżin u tal-imħażen, il-krejnijiet, il-konvejers, u apparati oħra għaċ-ċaqliq tal-merkanzija, u l-assi mobbli bħal-lokomottivi huma esklużi. L-azzjonijiet ma għandhomx jipprovdu vantaġġ selettiv lil operatur partikolari jew lil grupp ta' operaturi partikolari u għandhom ikunu aċċessibbli fuq bażi mhux diskriminatorja.

Tabella 7

Ċibersigurtà

Nru	Rekwiżit ta' użu doppju	Valur ta' użu doppju	Rimarka
1	Ċibersigurtà	Tagħmir, soluzzjonijiet u sistemi taċ-ċibersigurtà relatati direttament ma' proposti ta' proġetti marbuta mar-reżiljenza tal-infrastruttura b'użu doppju, fejn ikun xieraq.	